**L-eżami tar-Raba' Sena tal-Primarja hu magħmul minn tliet partijiet separati.**

1. **IT-TAĦDIT**
2. **IL-FEHIM MIS-SMIGĦ**
3. **IL-FEHIM MILL-QARI U L-KITBA**

- It-Taħdit huwa assessjat matul is-sena skont il-miri tas-sillabu.
- Il-Fehim mis-Smigħ huwa assessjat f'karta ta' NOFS SIEGĦA (30 minuta).
- Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba huma assessjati f'karta tal-eżami twila SIEGĦA U KWART (75 minuta).

**Id-Dipartiment tal-Malti jaħdem il-karti tal-eżami skont il-miri tas-Sillabu Uffiċjali tal-Malti tar-Raba' Sena tal-Primarja.**

**Ara s-sit uffiċjali tad-Dipartiment tal-Malti malti.skola.edu.mt u idħol fit-taqsima tar-Raba' Sena tal-Primarja.**

**■ IT-TAĦDIT (20 marka)**

Din il-parti tiġi assessjata matul is-sena skolastika mill-għalliema tal-klassi. L-għalliema għandhom jaraw li l-istudenti jkunu kisbu l-ħiliet kollha tat-taħdit kif elenkati fis-sillabu tal-Malti.

**■ IL-FEHIM MIS-SMIGĦ (30 minuta, 20 marka)**

B'kollox jingħataw żewġ karti:

1. **Il-karta tal-għalliema:** Din ikun fiha t-test u l-mistoqsijiet, magħmula f'forma ta' skript, li jinkludu l-istruzzjonijiet kollha. L-iskript ikun irrekordjat fuq diska kompatta. F'każ li d-diska kompatta ma taħdimx, l-iskript jinqara mill-għalliem/a. B'kollox l-iskript kollu jinstema' (jew jinqara) darbtejn.

2. **Il-karta tal-istudenti:** Din ikun fiha l-mistoqsijiet marbutin mat-test li jisimgħu.

Il-karti tal-istudenti jkunu magħmulin b'tipa Andika ta' daqs 13.

It-test ikun **madwar 250** kelma u jista' jkun:

1. fattwali, JEW
2. fittizju

L-eżerċizzji jistgħu jkunu:

- veru jew falz
- poġġi fl-ordni
- agħżel it-tajba
- imla l-vojt

Qabel ma jisimgħu l-ewwel qari, l-istudenti jkollhom ħin jaqraw il-mistoqsijiet. Waqt li jkun għaddej il-qari tat-test, kemm l-ewwel darba kif ukoll it-tieni darba, l-istudenti jkunu jistgħu jiktbu t-tweġibiet.

■ **IL-FEHIM MILL-QARI U L-KITBA (Siegħa u kwart, 60 marka)**

Il-karti tal-istudenti jkunu magħmulin b'tipa Andika ta' daqs 13.

Il-karta jkun fiha żewġ taqsimiet ewlenin:

- **Taqsima A: Il-Fehim mill-Qari (30 marka)**
- **Taqsima B: Il-Kitba (30 marka)**

Fit-taqsima tal-Fehim mill-Qari, l-ortografija, il-grammatika u l-punteġġjatura huma assessjati skont is-sillabu tal-Malti. Dan għaliex huwa mistenni li t-tweġiba tinkiteb b'mod li jinftiehem u korrett. L-istudenti huma mħeġġa ma jikkupjawx sentenzi sħaħ mit-test, imma jagħtu t-tweġiba fi kliemhom skont kif ikun mitlub.

◆ **Taqsima A: Il-Fehim mill-Qari (30 marka)**

Din it-taqsima fiha 2 testi:

**A (10 marki)**
L-ewwel test huwa twil **madwar 60 kelma** u jista' jkun wieħed minn dawn jew taħlita minnhom:

- avviż jew sett ta' avviżi qosra
- riklam jew sett ta' riklami
- storja
- rapport minn gazzetta, rivista jew sit elettroniku
- ittra elettronika (*jew* ittre)

**B (20 marka)**
It-tieni test huwa twil **madwar 275 kelma**. It-test ikun:

- fittizju u
- maqsum f'paragrafi.

Il-mistoqsijiet fuq it-testi **A** u **B** jistgħu jkunu:

- agħżel it-tajba
- imla l-vojt
- poġġi fl-ordni
- veru jew falz
- wieġeb (mistoqsijiet magħluqin u miftuħin)

Jista' jkun hemm ukoll mistoqsijiet dwar vokabularju, qwiel u idjomi marbutin mat-test. Il-qwiel jittieħdu mil-lista f'Appendiċi 1.

F'din it-taqsima jistgħu jingħataw sa tliet marki oħra għall-istudenti li jiktbu t-tweġibiet tajbin tagħhom b'Malti korrett. It-tqassim ta' dawn il-marki jinħadem skont it-tabella t'hawn taħt li tkun fl-iskema tal-marki:

| | |
|---|---|
| ***Dawn it-tliet marki għandhom jingħataw skont it-tweġibiet kollha tal-fehim mill-qari. Kull tweġiba mistennija tinkiteb b'Malti korrett. Mhux meħtieġ li l-mistoqsija jew parti minnha tkun ikkupjata fit-tweġiba.*** | |
| ▪ It-tweġibiet ma fihomx żbalji tal-ortografija skont is-sillabu.<br>*(Bi żbalji ortografiċi nifhmu kliem miktub ħażin.<br>Eżempji ta' żbalji ortografiċi: ic-cavetta*; balun*; ahmar*; qalp*; mil ktieb*)* | **1** |
| ▪ It-tweġibiet ma fihomx żbalji tal-punteġġjatura skont is-sillabu. | **1** |
| ▪ It-tweġibiet ma fihomx żbalji tal-grammatika skont is-sillabu.<br>*(Eżempji ta' żbalji grammatikali: it-tifla mar*; it-tifel twila*; ilbieraħ Anna tiekol*)* | **1** |

◆ **Taqsima B: IL-KITBA (30 marka)**

Din it-taqsima fiha tliet partijiet:

1. Il-grammatika u l-ortografija
2. Il-kitba l-qasira
3. Il-kitba t-twila u l-pjan tagħha

F'din it-taqsima l-ortografija u s-sens tal-kitba jkunu assessjati skont is-sillabu tal-Malti.

**1. Il-grammatika u l-ortografija (10 marki)**

F'din il-parti jingħata paragrafu qasir b'mistoqsijiet grammatikali u ortografiċi fuqu. Dawn il-mistoqsijiet ikunu skont is-sillabu tal-grammatika u l-ortografija tal-Malti kif jitlob is-sillabu tal-Malti.

**2. Il-kitba l-qasira (3 marki)**

It-tfal jistgħu jintalbu jkomplu l-kitba ta' wieħed minn dawn:

- ittra elettronika informali (*jew* ittre)
- formola (*jew* informazzjoni personali)
- djalogu
- intervista (*jew* sett ta' mistoqsijiet)

**JEW**

It-tfal jistgħu jintalbu jiktbu wieħed minn dawn:

- kapxin
- slowgan
- riklam
- messaġġ
- avviż

It-tfal jingħataw il-marki fuq ir-relevanza, l-espressjoni, l-ortografija, il-grammatika u l-punteġġjatura (skont is-sillabu).

**3. Il-kitba t-twila (bejn 70 u 100 kelma) u l-pjan tagħha (17-il marka b'kollox)**

Il-kitba t-twila tinqasam fi tnejn:

**A. Il-pjan (2 marki)**

It-tfal jintalbu jagħmlu l-pjan tal-kitba t-twila li se jagħżlu. Dan jista' jkun magħmul b'diversi modi. Jista' jkun fih kliem u/jew tpinġijiet. Għall-pjan ma jitnaqqsux marki għal żbalji fl-ortografija, fil-grammatika u fil-punteġġjatura.

It-tfal jingħataw il-marki fuq ir-relevenza tal-pjan mas-suġġett li jkunu għażlu u l-organizzazzjoni tiegħu. Tfal li jikkupjaw l-għajnuniet mogħtija bla ma jżidu xejn magħhom, jew li jagħmlu pjan bla ebda relevanza mas-suġġett li jkunu għażlu, ma jiħdux marki.

**B. Il-kitba t-twila (bejn 70 u 100 kelma) (15-il marka)**

Fil-karta jkun hemm spazju biex it-tfal jiktbu l-istorja. Jistgħu jiktbuha f'sentenzi taħt xulxin jew inkella fil-forma ta' paragrafu jew paragrafi.

It-tfal tingħatalhom għażla ta' żewġ titli narrattivi u jkollhom ukoll xi għajnuniet. Wieħed minnhom jista' jkun storja bl-istampi.

Il-marki jingħataw skont din it-tabella:

<table>
<tr><td colspan="6">L-Espressjoni (3 marki)</td></tr>
<tr><td colspan="3">0-1</td><td colspan="3">2-3</td></tr>
<tr><td colspan="3">Ma jafx jesprimi ruħu bil-kitba.</td><td colspan="3">Jaf jesprimi ruħu tajjeb u b'mod ċar.</td></tr>
<tr><td colspan="6">Il-Vokabularju (3 marki)</td></tr>
<tr><td colspan="3">0 - 1</td><td colspan="3">2 - 3</td></tr>
<tr><td colspan="3">Għandu firxa limitata ħafna ta' vokabularju.</td><td colspan="3">Għandu firxa wiesgħa ta' vokabularju.</td></tr>
<tr><td colspan="6">Is-Sintassi (3 marki)</td></tr>
<tr><td colspan="3">0-1</td><td colspan="3">2-3</td></tr>
<tr><td colspan="3">Ma jafx jibni sentenza.</td><td colspan="3">Il-binja tas-sentenzi hija tajba.</td></tr>
<tr><td colspan="6">L-Ortografija, il-Punteġġjatura, il-Grammatika (5 marki)<br>(skont is-sillabu)</td></tr>
<tr><td>0</td><td>1</td><td>2</td><td>3</td><td>4</td><td>5</td></tr>
<tr><td>Ġab iktar minn 21 żball mhux repetut.</td><td>Ġab bejn 14 u 20 żball mhux repetut.</td><td>Ġab bejn 11 u 13-il żball mhux repetut.</td><td>Ġab bejn 8 u 10 żbalji mhux repetuti.</td><td>Ġab bejn 5 u 7 żbalji mhux repetuti.</td><td>Ġab 4 żbalji jew inqas mhux repetuti.</td></tr>
<tr><td colspan="6">L-Eċċellenza (marka)</td></tr>
<tr><td colspan="6">Din il-marka tingħata biss jekk l-istudent juri li l-kitba tiegħu tispikka.</td></tr>
<tr><td colspan="6">F'każ li l-istudent joħroġ barra mis-suġġett, ibda l-marki minn 7.</td></tr>
</table>

**Appendiċi 1**

**Il-Qwiel tar-Raba' Sena**

Filwaqt li l-qwiel magħżula għall-eżami tar-Raba' Sena ser jittieħdu minn din il-lista, nissuġġerixxu li fil-klassi l-għalliema ma jillimitawx ruħhom għal dawn il-qwiel biss. Il-qwiel huma espressjonijiet ħajjin u jsebbħu l-lingwa tagħna. Għaldaqstant l-għalliema għandhom jinkoraġġixxu lill-istudenti ta' kull età jużaw il-qwiel fit-taħdit u fil-kitbiet tagħhom.

1. Min jorqod ma jaqbadx ħut.
2. Min jiftaħar jaqa' l-baħar.
3. Bil-qatra l-qatra timtela l-ġarra.
4. Il-baħar żaqqu ratba u rasu iebsa.
5. Kelb rieqed la tqajmux.
6. Il-ġarra ġejja u sejra fl-aħħar tinkiser.
7. Kliem ix-xiħ żomm fih.
8. Min jimxi bil-mod jasal kmieni.
9. Min jilgħab man-nar jinħaraq.
10. Min ifittex isib.

**Ara ċ-ċirkulari bil-qwiel kollha tal-primarja**
**http://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2013/06/cmeld229_qwielidjomi.pdf**

**Appendiċi 2**

**IT-TABELLA BL-GĦADD TAL-KLIEM**

| **L-Għadd ta' Kliem fl-Eżamijiet tal-Malti tal-Primarja** | |
|---|---|
| **Il-Fehim mis-Smigħ** | |
| Ir-Raba' Sena | 250 |
| Il-Ħames Sena | 300 |
| Is-Sitt Sena (Il-Benċmark) | 180 + 320 = 500 |
| **Il-Fehim mill-Qari (Il-Qari Qasir)** | |
| Ir-Raba' Sena | 60 |
| Il-Ħames Sena | 70 |
| Is-Sitt Sena (Il-Benċmark) | 60-80 |
| **Il-Fehim mill-Qari (Il-Qari Twil)** | |
| Ir-Raba' Sena | 275 |
| Il-Ħames Sena | 350 |
| Is-Sitt Sena (Il-Benċmark) | 500 |
| **Il-Kitba t-Twila** | |
| Ir-Raba' Sena | 70-100 |
| Il-Ħames Sena | 100-150 |
| Is-Sitt Sena (Il-Benċmark) | 140-200 |